| KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA | Brussell, 31 ta' Mejju 2013 (04.06) (OR. en) |
| --- | --- |
| | 10184/13 ADD 1 |
| **Fajl Interistituzzjonali: 2008/0243 (COD)** | |
| | CODEC 1242 ASILE 22 OC 326 |

**ADDENDUM GĦAN-NOTA PUNT "I/A"**

| | |
| --- | --- |
| minn: | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill |
| lil: | COREPER /KUNSILL |
| Suġġett: | Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-kriterji u l-mekkaniżmi biex ikun iddeterminat l-Istat Membru responsabbli biex jeżamina applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali ddepożitata f'wieħed mill-Istati Membri minn ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna apolida (Tfassil mill-ġdid)<br>**[l-ewwel qari]**<br>- Adozzjoni<br>(a) il-pożizzjoni tal-Kunsill<br>(b) dikjarazzjoni tar-raġunijiet tal-Kunsill<br>- Dikjarazzjonijiet<br>**LINJI GWIDA KOMUNI**<br>**Skadenza għall-konsultazzjoni tal-Kroazja: 5 ta' Mejju 2013** |

**<u>Dikjarazzjonijiet mill-Kummissjoni</u>**

1. Fl-applikazzjoni tar-Regolament preżenti, <u>il-Kummissjoni</u> ttenni li, meta tipproponi kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet dwar it-trasferimenti kif previst skont dan ir-Regolament, hija ser tiżgura li jinżammu l-istandards attwali għat-trasferimenti, kif stabbiliti fl-Artikoli 7-10 tar-Regolament tal-Kummissjoni 1560/2003 tat-2 ta' Settembru 2003 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 343/2003.

2. Il-Kummissjoni tissottolinja li huwa kuntrarju għal dak li jgħid ir-Regolament 182/2011 (ĠU L 55 tat-28.2.2011, p.13) u għall-ispirtu tiegħu li jiġi invokat l-Artikolu 5 § 4, subparagrafu 2, punt b) b'mod sistematiku. Wieħed għandu jdur għal din id-dispożizzjoni biss bħala tweġiba għal ħtieġa speċifika li jiddevja mir-regola tal-prinċipju li tgħid li l-Kummissjoni tista' tadotta abbozz ta' att ta' implimentazzjoni meta ma tingħata l-ebda opinjoni. Minħabba li huwa eċċezzjoni għar-regola ġenerali stabbilita mill-Artikolu 5 § 4, ir-rikors għas-subparagrafu 2, punt b) ma jistax jitqies sempliċiment bħala "setgħa diskrezzjonarja" tal-Leġislatur, iżda jrid jiġi interpretat b'mod restrittiv u għalhekk irid ikun ġustifikat.

## Dikjarazzjoni mis-Slovenja

Is-Slovenja taqbel mal-fehma li r-Regolament ta' Dublin huwa wieħed mill-elementi ewlenin tas-Sistema Ewropea Komuni tal-Asil, u b'hekk jikkontribwixxi għal funzjonament effiċjenti tal-politika tal-asil tal-UE.

L-esperjenza tal-passat uriet il-ħtieġa li jittejeb il-funzjonament tas-Sistema ta' Dublin, iżda għallmitna wkoll li dan għandu jsir b'mod prudenti u b'attenzjoni dovuta għan-natura orizzontali tar-Regolament. Is-Slovenja hi tal-opinjoni li dan ma tteħidx kont tiegħu kif dovut fil-proċess ta' negozjati, u huwa għalhekk li s-Slovenja tixtieq tesprim tħassib serju dwar it-tfassil mill-ġdid tar-Regolament ta' Dublin.

Diversi dispożizzjonijiet emendati jistgħu jippreżentaw piż amministrattiv u finanzjarju sinifikanti u jtawlu l-proċedura. Dan jista' jipperikola l-funzjonament kif suppost tas-sistema kollha kemm hi u bħala konsegwenza jiggrava serjament is-sitwazzjoni tan-nies soġġetti għaliha.

Is-Slovenja turi d-dispjaċir tagħha għall-arranġamenti l-ġodda fir-rigward ta' intervista personali addizzjonali fil-proċedura ta' Dublin. Fl-opinjoni tagħna l-istituzzjoni ta' din l-intervista hu rregolat b'mod suffiċjenti fid-Direttiva dwar il-Proċeduri tal-Asil li tipprevedi wkoll għall-użu f'dan ir-Regolament. Tali duplikazzjoni tista' tippreżenta piż amministrattiv sinifikanti għall-awtoritajiet rilevanti tal-Istati Membri.

Is-Slovenja turi d-dispjaċir tagħha wkoll għat-tqassir tal-iskadenzi għad-detenzjoni fl-Artikolu 28 u d-dispożizzjoni li persuna ma għandix tkun ristretta biss minħabba li qegħda tiġi soġġetta għall-proċedura ta' Dublin. Fl-opinjoni tas-Slovenja dan jista' jaffettwa serjament il-kapaċità tal-Istati Membri li jwettqu b'mod effiċjenti trasferimenti ta' Dublin u jista' jkollu effett negattiv madwar l-UE kollha bħala riżultat li l-applikanti jaħarbu, li ma jistax jiġi evitat b'mod effettiv.

Is-Slovenja tesprimi tħassib dwar l-arraġamenti adottati għal Minorenni mhux Akkumpanjati u persuni dipendenti fil-proċedura. Minkejja li aħna kompletament konxji mill-ħtiġijiet speċjali u s-sitwazzjoni vulnerabbli ta' dawn il-persuni, nibżgħu li l-obbligu li tistabbilixxi u konsegwentement tgħaqqad lill-persuni kkonċernati mal-membri tal-familja u qraba f'tali kuntest tant estiż ikun diffiċli ħafna fil-prattika, u ser ikun ta' piż amministrattiv sinifikanti speċjalment għall-awtoritajiet rilevanti ta' Stati Membri iżgħar kif ukoll tittawwal is-sitwazzjoni ta' inċertezza għall-persuni ikkonċernati li jfittxu l-asil.

Fl-aħħar nett, għal darb'oħra s-Slovenja tixtieq tenfasizza l-esitazzjoni tagħha lejn it-tqegħid tas-Sistema ta' Twissija Bikrija fil-qafas ta' dan ir-Regolament minħabba li mhix marbuta primarjament mal-proċedura ta' Dublin.

## Dikjarazzjoni mill-Greċja

1. L-ikkompletar tas-Sistema Ewropea Komuni tal-Asil (SEKA) ser jippermetti żvilupp ulterjuri tal-inizjattivi, b'iffukar fuq solidarjetà sinċiera u ġenwina lejn l-Istati Membri, speċjalment dawk fil-fruntieri esterni tal-UE. It-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) jistabbilixxi b'mod istituzzjonali, għall-ewwel darba, il-kunċett ta' "solidarjetà" kif ukoll it-tqassim ġust tar-responsabbiltajiet bejn l-Istati Membri (art. 80)[1] fl-oqsma tal-Migrazzjoni u l-Asil.

[1] *L-Art. 80: "Il-politika tal-Unjoni prevista f'dan il-Kapitolu u l-implimentazzjoni tagħha għandha tiġi regolata mill-prinċipju tas-solidarjetà u t-tqassim ġust tar-responsabbiltà, inkluż l-implikazzjonijiet finanzjarji tagħha bejn l-Istati Membri. Kull meta jkun meħtieġ, l-atti tal-Unjoni adottati skont dan il-Kapitolu għandhom jinkludu l-miżuri xierqa għall-applikazzjoni ta' dan il-prinċipju."*

2. Il-kwistjonijiet dwar l-asil huma ta' importanza u ta' prijorità partikolari għall-Greċja, bħala wieħed mill-Istati Membri li qed jiffaċċja pressjonijiet kbar fil-fruntieri esterni tiegħu minħabba l-flussi mħallta ta' migranti illegali. F'dan il-kuntest, il-Greċja qed timplimenta riforma komprensiva tas-sistemi tagħha tal-Ġestjoni tal-Asil u l-Migrazzjoni, u b'hekk tappoġġa l-iżvilupp tas-SEKA b'mod effettiv u kostanti.

3. Il-Greċja temmen li r-riformulazzjoni tar-"Regolament ta' Dublin" uriet li hi inqas ambizzjuża milli kellha tkun peress li, fost oħrajn, ma toffrix tweġibiet sostanzjali għat-tħassib u l-kwistjonijiet pressanti li jiffaċċjaw l-Istati Membri fil-fruntieri esterni tal-UE. Dan hu dovut għal tliet raġunijiet prinċipali:

- L-ewwel dispożizzjoni dwar il-kriterju għad-dħul qatt ma ġiet eżaminata fid-diskussjonijiet dwar ir-riformulazzjoni tar-"Regolament ta' Dublin".

- Ma ġietx inkluża fit-test finali dispożizzjoni għas-sospensjoni tat-trasferimenti.

- L-Art. 31 il-ġdid jillimita lilu nnifsu għas-Sistema tal-Asil u ma fih ebda referenza għal pressjonijiet dovuti għal flussi migratorji mħallta.

4. Għar-raġunijiet ta' hawn fuq, il-Greċja ma tistax toffri l-appoġġ tagħha għall-adozzjoni, kif ippreżentata fil-punti "A".